MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1090/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Mark Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Mark Spiteri**, ta' erbgha u erbghin (44) sena, bin il-mejjet Reginald u Emily neé Cauchi, imwieled Victoria, Gozo fil-11 ta' Marzu 1967 u joqghod 71, Triq il-Pont, Mellieha, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 6267(G), akkuzat talli:

1. bejn Marzu 2009 u Novembru 2009 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fil-kapaċita' tiegħu personali ukoll bhala Direttur tas-soċjeta' MAS Communications Limited, approprija ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għall-persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew

ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioé ma ħallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' €31,858.00 *ai termini* tal-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 36) datata 27 ta' Awwissu 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

1. fl-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 38), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-27 ta' Awwissu 2012 (*a fol.* 36), f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 93 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, xehdet **Connie Azzoparti** (*Senior Principal* – Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud –*a fol.* 19 *et seq.*) fejn ezebiet *Letter to Prosecute*, li giet immarkata bhala Dok. "CA 1" (*a fol.* 22 *et seq.*), lista ta' denunzji li taghhom allegatament saret il-misapproprjazzjoni, liema lista giet immarkata bhala Dok. "CA 2" (*a fol.* 26), u kif ukoll tliet denunzji li hemm riferenza ghalihom fil-lista imsemmija, liema denunzji gew immarkati minn Dok. "CA 3" sa "CA 5" (*a fol.* 27 *et seq.*). Tghid li d-denunzji jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sat-30 ta' Novembru 2009 bl-ammont ta' bilanc dovut ikun dak ta' € 31,858.

In kontro-ezami tghid li l-bilanc imsemmi minnha ma jinkludi l-ebda multi jew pieni amministrattivi.

In kontro-ezami (li tkompla fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2013 – *a fol.* 70 *et seq.*) ikkonfermat li hemm zewg sistemi tal-VAT: wahda li tinhareg rcevuta mal-pagament u ohra li tigi wzatha mill-kummercjanti fuq l-*invoice*, fejn il-VAT tithallas meta jsir il-bejgh.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Maurice Curmi** (*a fol.* 30 *et seq.*) rigward it-talba li kienet saret mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sabiex jigi investigat u jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat minhabba li ma kienx hallas il-bilanc dovut minnu ta' € 31,858 lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Spjega x'kienu jinvolvu l-investigazzjonijiet redatti minnu u ezebixxa stqarrija rilaxxata mill-imputat li giet immarkata bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 33 *et seq.*)

In kontro-ezami kkonferma li l-imputat kien spjegalu li l-kumpanija tieghu hija *invoice-based*. Mistoqsi jghid xi provi ghandu li l-flus gew migbura mill-imputat, l-Ufficjal Prosekutur wiegeb li bir-*returns* tal-VAT li l-kumpanija tal-imputat issottomettiet lid-dipartiment qed tiddikjara hi stess li l-ammont in kwistjoni imsemmi huwa dovut. Jghid: *"Jiena ghalija l-fatt li ghamel dikjarazzjoni, issottometta d-dikjarazzjoni in kwistjoni fejn qed jghid li gabar dawn il-flus u dawk l-ammonti huma dovuti jiena ghalija dik hija prova li dawn il-flus gabarhom"* (*a fol.* 31). Mistoqsi jghid xi provi ghandu li dawk il-flus li gew dikjarati gew misapproprjati, l-Ufficjal Prosekutur wiegeb: *"dan qed jghid li l-klijenti ituhom ninety day credit jigifieri dawn biex ma jhallsux il-VAT qed jghaddu l-VAT li jigbru lil klijenti taghhom"* (*a fol.* 32).

In kontro-ezami (li tkompla fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2013 – *a fol.* 65 *et seq.*) spjega li din il-kawza titratta kaz fejn id-denunzji gew sottomessi pero il-hlas dovut ma sarx. Rega' gie mistoqsi ghal darba ohra xi provi ghandha l-Prosekuzzjoni li l-imputat ircieva l-flus li ddikjara fuq id-denunzja, l-Ufficjal Prosekutur wiegeb: *"Jiena l-prova li ghandu huwa d-denunzji li ssottometta lid-Dipartiment tal-VAT, dan hemm hekk meta ssottometta dawn l-imsemmija denunzji ddikjara hu stess illi dahhal X ammont u l-ammont dovut u dan l-ammonti dovuti hu stess iddikjarahom"* (*a fol.* 67). Meta saritlu riferenza ghal Dok. "CA 3" sa "CA 5" (*a fol.* 27 *et seq.*) gie mistoqsi jghid jekk dak li kien qed jiddikjara l-imputat fid-denunzji tieghu huwiex il-bejgh tieghu u mhux il-pagament tas-servizz, l-Ufficjal Prosekutur wiegeb: *"hekk jidher kif qed tghid int bejgh, bejn u esportazzjoni thallasx jew ma thallasx m'hawnx indikat hawn"* (*a fol.* 68).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012, xehed **Chris Abela** (*desk officer* MFSA – Registratur tal-Kumpaniji (*a fol.* 39 *et seq.*)) fejn ezebixxa l-Memorandum & Articles of Association tal-kumpanija M.A.S. Communications Limited (C 13828), liema dokumeni gew immarkati bhala Dok. "MFSA 1" (*a*

*fol.* 41 *et seq.*) u kif ukoll numru ta' dokumenti ohra li gew immarkati bhala Dok. "MFSA 2" (*a fol.* 54 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014, xehed **Paul Scicluna** (rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud – *a fol.* 84 *et seq.*) fejn ikkonferma li hemm zewg sistemi ta' VAT: wahda li hija *cash-based* u ohra *invoice-based* (u cioé fejn it-taxxa tkun dovuta hekk kif tohrog l-*invoice*). Jaqbel li fil-kaz tal-imputat is-sistema kienet wahda *invoice-based*. Jaqbel li meta tinhareg *tax invoice* lill-klijent, din tinhareg biex tithallas mill-klijent ghall-kummercjant. Jghid li d-dipartiment ma jaghmilx distinzjoni jekk dik it-*tax invoice* li jkun hareg il-kummercjant, thallasx fuqha jew le. Jghid li d-dipartiment jircievi biss id-denunzja ghal perjodu partikolari. Jghid li l-kummercjant huwa obbligat jiddikjara t-*tax invoices* kollha anke jekk ma thallasx taghhom. Jixhed li d-dipartiment wasal ghall-konkluzjoni li kien hemm il-misapproprjazzjoni da parti tal-imputat ghax kien hemm flus iddikjarati u mhux imhallsin u dawn kienu sostanzjali. Mistoqsi jghid jekk id-dipartiment ghandux prova li l-imputat laqa' ghandu jew ircieva dan il-pagament li qieghed jinghad li gie misapproprjat, wiegeb: *"Le d-dipartiment kien qed jikkontendi li s-Sur Spiteri ddikjara tlitt denunzji partikolari li gew a konjizzjoni tad-dipartiment pero ma hallashomx"* (*a fol.* 85). Ghal darb'ohra rega' gie mistoqsi jghid jekk fil-*file* tad-dipartiment hemmx prova li l-imputat gabar il-flus u ma hallashomx lid-dipartimant, wiegeb: *"Iva bid-denunzja tieghu stess"* (*a fol.* 86). Jghid: *"meta inti tifformola dik id-denunzja, tissottomettiha, Artikolu 27(4) jghidlek li jekk id-denunzja ma hallasthiex ghalkemm iddikjarat, jekk inti ma gbarthomx dawk huma dovuti"* (*a fol.* 87). Mistoqsi jghid jekk tezistix xi prova li l-imputat ghamel xi *set-off* jew klemjax it-taxxa fl-*output* tieghu, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2013, xehed l-imputat **Mark Spiteri** (*a fol.* 89 *et seq.*) fejn beda billi qal li l-kumpanija tieghu tahdem fuq *invoice-based system*. Jghid: *"Our company and the industry that it is in has a 90 day basically credit period and basically when vat is due a lot of the times we wouldn't have collected the vat due at that point in time"* (*a fol.* 89). Mistoqsi jghid meta huwa dovut il-VAT, jghid li meta tinhareg *invoice*. Mistoqsi jghid jekk il-VAT tkunx dovuta jew le f'kaz li ma jigi ricevut il-pagament ghal *invoice* partikolari, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li r-raguni ghala fil-kaz odjern ma thallasx il-VAT li gie dikjarat fid-denunzji hija ghax dan ma kienx ingabar. Ikkonferma li l-ammont dovut issa gie kollu mhallas. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "MS 1" sa "MS 28" (*a fol.* 91).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "MC 1" – *a fol.* 33 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat ta' spjegazzjoni fuq l-istess linji li huwa xehed meta ta d-depozzizjoni tieghu quddiem il-Qorti. Ta' min jinnota li fl-isqarrija, meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk id-denunzji kollha tal-VAT li gew sottomessi lid-dipartiment fis-sena 2009 kienux kollha *invoice-based*, l-imputat wiegeb:

*"Yes and we still are because we cannot do it any other way. We are a service oriented company and we give all our clients a 90 day credit"* (*a fol.* 34).

**Ikkunsidrat**

Illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinstab htija fl-imputat taht Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jinghad illi Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittrattaw ir-reat ta' misapproprjazzjoni u cioé meta persuna zzomm hwejjeg li tkun zammet ghal haddiehor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom. L-Artikolu 294 jaghmilha cara li dan ir-reat japplika wkoll ghal dawk il-persuni li jaghmlu hekk in konnessjoni max-xoghol jew mestjier taghhom.

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et** deciza fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat:

> "Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor".

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne*

*danneggia il patrimonio*" (Manuale di Diritto Penale, Giuffré (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:

*Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo*

> *di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz in ezami gie pruvat li l-imputat huwa direttur tas-socjeta' M.A.S. Communications Limited u dana jirrizulta mill-*Memorandum & Articles of Association* tas-socjeta' imsemmija (Dok. "MFSA 1" – *a fol.* 41 *et seq.*). L-imputat, bhala direttur tas-socjeta' imsemmija, qieghed jigi akkuzat li approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna wara li ma hallasx lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud is-somma totali ta' €31,858.00 ghall-perijodu bejn Marzu 2009 u Novembru 2009. Il-Qorti tinnota li l-ammont imsemmi ma jinkludi l-ebda multi jew pieni amministrattivi.

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda tlitt denunzji (Dok. "CA 2" sa "CA 4" – *a fol.* 26 *et seq.*) mibghuta mill-imputat. Jirrizulta li jezistu zewg sistemi tal-VAT: wahda *cash-based* (fejn tinhareg rcevuta mal-pagament) u ohra *invoice-based* (u cioé fejn it-taxxa tkun dovuta hekk kif tohrog l-*invoice*). Jirrizulta wkoll li s-sistema li kien jahdem biha l-imputat kienet wahda *invoice-based*. Ir-rapprezentant tad-Dipartiment tax-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, is-Sur Paul Scicluna (*a fol.* 84 *et seq.*) jaqbel li meta tinhareg *tax invoice* lill-klijent, din tinhareg biex tithallas mill-klijent ghall-kummercjant. Huwa jghid li d-Dipartiment ma jaghmilx distinzjoni jekk dik it-*tax invoice* li jkun hareg il-kummercjant, thallasx fuqha jew le. Da parte tieghu, meta l-imputat xehed quddiem il-Qorti, u kif ukoll meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu (Dok. "MC 1" – *a fol.* 33 *et seq.*) lill-Ufficjal Prosekutur, l-imputat jishaq li r-raguni ghala fil-kaz odjern ma thallasx il-VAT li gie dikjarat fid-denunzji hija ghax dan ma kienx ingabar. Meta xehed quddiem il-Qorti l-imputat zied jghid ukoll li l-ammont dovut issa gie kollu mhallas.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qal is-Sur Paul Scicluna (rapprezentant tad-Dipartiment tax-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) meta fid-depozizzjoni tieghu huwa qal li kummercjant huwa obbligat jiddikjara it-*tax invoices* kollha anke jekk ma thallasx taghhom. Pero l-Qorti tinnota li l-kaz odjern jirrigwarda allegat misapproprjazzjoni da parte tal-imputat. Wiehed mill-elementi tar-reat imsemmi huwa li persuna tircievi flus jew xi haga ohra minn ghand xi hadd. Jirrizulta li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud iqies li dan l-element gie pruvat a bazi ta' dak li jirrizulta mid-denunzji sottomessi mill-imputat (*a fol.* 86). Apparti minn dan, meta r-rapprezentant tad-dipartiment imsemmi gie mistooqsi jekk id-dipartiment ghandux prova li l-imputat laqa' ghandu jew ircieva dan il-pagament li qieghed jinghad li gie misapproprjat, ir-rapprezentant wiegeb: *"Le d-dipartiment kien qed jikkontendi li s-Sur Spiteri ddikjara tlitt denunzji partikolari li gew a konjizzjoni ta' d-dipartiment pero ma*

*hallashomx"* (*a fol.* 85). Minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li dan m'huwiex bizzejjed sabiex jigi pruvat ir-reat ta' misapproprjazzjoni. Minkejja li l-imputat issottometta d-denunzji in kwistjoni, li huwa kien obbligat jissottometti minhabba li kien obbligat jaghmel hekk, u minkejja l-ammonti ndikati fl-imsemmija denunzji, dawn il-fatti *per se* mhumiex bizzejjed sabiex sodisfacentement jippruvaw li effettivament l-imputat ikkommetta r-reat ta' misapproprjazzjoni. Qieghed jinghad hekk peress li ma giex sodisfacentement pruvat li l-imputat gabar l-ammonti ndikati fid-denunzji in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Mark Spiteri hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------